

Brussell, 22 ta' Settembru 2020  
(OR. en)

10953/20

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0272(NLE)

---

---

UD 209

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 585 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-66 sessjoni tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni, emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 585 final.

Mehmuż: COM(2020) 585 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.9.2020  
COM(2020) 585 final

2020/0272 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-66 sessjoni tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni, emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkomplementa l-abbozz ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-66 sessjoni tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (HSC) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Settembru 2020, li ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-21 ta' Awwissu 2020 (COM(2020) 427).

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija

Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija għandha l-għan li tiffaċilita l-kummerċ internazzjonali u l-għbir, it-tqabbil u l-analiżi tal-istatistika, b'mod partikolari dik dwar il-kummerċ internazzjonali. Bħala Anness din tinkludi n-Nomenklatura tas-SA li hija sistema armonizzata internazzjonali li tippermetti lill-pajjiżi parteċipanti jikklassifikaw l-merkanzija kkummerċjalizzata fuq bażi komuni għal skopijiet doganali. B'mod partikolari, in-Nomenklatura tas-SA tinkludi d-deskrizzjoni tal-merkanzija, li jidhru bħala intestaturi u subintestaturi, u l-kodiċijiet numeriċi relatati tagħhom, abbażi ta' sistema ta' kodiċijiet b'sitt figuri. In-Nomenklatura tas-SA tiġi reveduta kull ħames snin<sup>1</sup>. Din hija applikata minn iktar minn 190 amministrazzjoni minn madwar id-dinja; konsegwentement, iktar minn 98 % tal-merkanzija kkummerċjalizzata kollha fid-dinja tiġi kklassifikata skont din.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Ftehim<sup>2</sup>.

#### 2.2. L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO)

L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), stabbilita fl-1952 bħala l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, hija korp intergovernattiv indipendenti b'missjoni li jsaħħa l-effettività u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet doganali. Hija tirrappreżenta 183 amministrazzjoni doganali minn madwar id-dinja. Il-korp governattiv tad-WCO huwa l-Kunsill. L-Unjoni teżerċita drittijiet u obbligi simili għas-*sħubija ad interim* fid-WCO sa meta tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali.

Il-korp governattiv tad-WCO hu l-Kunsill tad-WCO, li jibbaża ruħu fuq il-kompetenza u l-ħiliet ta' Segretarjat u fuq firxa ta' kumitati tekniċi u konsultattivi biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

Il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (HSC) huwa kumitat tekniku responsabbli għall-ħidma preparatorja relatata mal-Konvenzjoni SA. Il-kompiti ewlenin tal-HSC huma dawn li ġejjin:

- Iħejji n-Noti ta' Spjegazzjoni, l-Opinjoni ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra bħala gwida għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, u jeżerċita tali funzjonijiet

<sup>1</sup> Mill-introduzzjoni tagħha fl-1988, in-Nomenklatura tas-SA ġiet reveduta sitt darbiet. Dawn ir-reviżjonijiet daħlu fis-seħħ fl-1996, fl-2002, fl-2007, fl-2012 u fl-2017. Is-sitt reviżjoni se tidħol fis-seħħ fl-2022.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369 tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

oħra fir-rigward tas-Sistema Armonizzata li l-Kunsill tad-WCO jew il-Partijiet Kontraenti jistgħu jqisu li jkunu meħtieġa.

- Iħejji rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-testi legali tas-Sistema Armonizzata, inkluż billi jsib soluzzjonijiet għal tilwimiet dwar il-klassifikazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti, u b'hekk jiffaċilita l-kummerċ;
- Jipproponi emendi u aġġornamenti għas-Sistema Armonizzata biex din tirrifletti l-iżviluppi fit-teknoloġija u t-tibdiliet fix-xejriet tal-kummerċ kif ukoll ħtiġijiet oħra tal-utenti tas-Sistema Armonizzata;
- Jipromwovi l-applikazzjoni mifruxa tas-Sistema Armonizzata u jeżamina mistoqsijiet ġenerali u kwistjonijiet ta' politika relatati magħha.

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha flimkien għandhom vot wieħed biss fl-HSC. Id-deċizzjonijiet tal-HSC dwar kwistjonijiet koperti minn din id-deċizzjoni qafas jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

Skont l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni SA, in-Noti ta' Spjegazzjoni, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata, imħejjija matul sessjoni tal-HSC, jitqiesu bħala approvati mill-Kunsill tad-WCO jekk, mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni xahar wara x-xahar li fih is-sessjoni li fiha ġew adottati nġhalqet, l-ebda Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni SA ma tkun innotifikat lis-Segretarju Ġenerali tad-WCO t-talba tagħha li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-Kunsill tad-WCO.

### **2.3. L-atti previsti**

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni SA, l-HSC normalment jiltaqa' darbtejn fis-sena. Fil-prattika, il-laqgħat tal-HSC isiru f'Marzu u f'Settembru.

Id-deċizzjoni proposta tikkonċerna l-atti li ġejjin, li jitqiesu mill-HSC u li jiġu adottati provviżorjament minnu, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill tad-WCO permezz ta' "proċedura ta' silenzju":

- (a) Noti ta' Spjegazzjoni, li jiċċaraw l-interpretazzjoni tan-noti, tal-intestaturi u tas-subintestaturi tan-Nomenklatura tas-SA,
- (b) Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, li jirriflettu d-deċizzjonijiet meħuda mill-HSC fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' prodotti speċifiċi,
- (c) Pariri u rakkomandazzjonijiet oħra li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura tas-SA, bħal deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni jew gwida oħra adottati mill-HSC.

F'konformità mal-Artikolu 34 7.(a)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni<sup>3</sup>, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jirrevokaw id-deċizzjonijiet tagħhom relatati ma' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi (id-deċizzjonijiet BTI) meta ma jibqgħux kompatibbli mal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA li tirriżulta minn deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni, opinjonijiet ta' klassifikazzjoni jew emendi għan-noti ta' spjegazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA, b'effett mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fis-serje "C" ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>3</sup> ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

### **3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

#### **3.1. Diffikultajiet prattiċi fit-tnejn u l-adozzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE**

F'kull waħda miż-żewġ sessjonijiet annwali tiegħu, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tad-WCO jadotta Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni, emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata.

Mill-perspettiva prattika, normalment ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex l-Unjoni formalment tadotta pożizzjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE qabel kull laqgħa tal-HSC. Għalhekk, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċizzjoni qafas tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WCO għall-kwistjonijiet tas-SA<sup>4</sup> li bħalissa tinsab pendent fil-Kunsill.

Madankollu, minħabba t-tifqigħat tal-COVID-19, is-Segretarjat tad-WCO informa li l-laqgħa ta' Settembru 2020 se ssir permezz ta' diskussjonijiet online bil-miktub.

Minkejja l-fatt li l-aġenda ta' din il-laqgħa kienet għadha mhix disponibbli, u l-organizzazzjoni u l-format tad-diskussjonijiet kienu għadhom mhumiex magħrufa, kien mistenni li l-punti fuq l-aġenda tal-laqgħa preċedenti (HSC/65 – Marzu 2020), li tħassret mid-WCO minħabba s-sitwazzjoni ta' pandemija globali, x'aktarx li jkun inklużi fl-aġenda tal-laqgħa ta' Settembru. Għal dan l-għan, tħejja l-ewwel abbozz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill u ntbagħat lill-Kunsill (COM(2020) 427).

Id-WCO reġgħet organizzat id-dati u l-aġenda tal-laqgħa tal-HSC, li se ssir b'mod virtwali mit-28 ta' Settembru sat-30 ta' Ottubru, u se tkopri prinċipalment il-ħidma tas-Sottokumitat ta' Rieżami virtwali tad-WCO li ntemmet fil-21 ta' Awwissu u xi punti diġà inklużi fl-ewwel abbozz ta' deċizzjoni li ntbagħat lill-Kunsill, filwaqt li l-punti l-oħra kollha li jinsabu f'dan l-ewwel abbozz ta' deċizzjoni huma posposti għas-sessjoni li jmiss tal-HSC. Fid-dawl tal-għadd ta' punti li dwarhom l-HSC se jntalab jiddeċiedi f'din il-laqgħa, u l-effetti legali vinkolanti tagħhom fuq id-dritt tal-Unjoni, jitqies li hemm il-ħtieġa għat-tieni Deċizzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE, li tikkomplementa l-ewwel waħda u li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni għall-punti li dwarhom huwa diġà magħruf li l-HSC se jntalab jiddeċiedi (jiġifieri Noti ta' Spjegazzjoni, opinjonijiet ta' klassifikazzjoni u deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni, gwida jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata).

#### **3.2. Skop u kontenut tal-proposta**

Id-deċizzjonijiet inkwistjoni mħejjija mill-HSC huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, u n-Nomenklatura Magħquda (NM) annessa miegħu. Id-deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-opinjonijiet ta' klassifikazzjoni jew l-emendi għan-noti ta' spjegazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA jintużaw b'appoġġ għall-klassifikazzjoni prevista fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-NM, fin-noti ta' spjegazzjoni tan-NM u fid-deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri huma meħtieġa jirrevokaw id-deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni tagħhom fejn dawn ma jkunux għadhom kompatibbli mal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA li tirriżulta minn dawn id-deċizzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-opinjonijiet ta' klassifikazzjoni, jew l-emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA.

---

<sup>4</sup> COM(2020)196

Għalhekk, huwa xieraq li l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WCO tiġi stabbilita b'Deċiżjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

L-istabbiliment ta' tali pożizzjonijiet kien iggwidat mill-kriterji ġenerali ddefiniti mill-Konvenzjoni SA (ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA) u l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tal-merkanzija.

Il-pożizzjoni proposta għandha l-għan li tesprimi l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-Nomenklatura tas-SA. Għandha wkoll l-għan li tesprimi pożizzjoni fir-rigward tal-Opinjoni ta' Klassifikazzjoni u tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA mħejjija mill-HSC.

Il-konsultazzjoni tal-esperti tekniċi mill-Istati Membri twettqet fil-Grupp ta' Esperti Doganali bejn it-2 u s-7 ta' Settembru 2020. Il-konklużjonijiet tas-CEG huma konformi mal-pożizzjonijiet ssuġġeriti, li jistgħu jinsabu fl-Anness tal-abbozz ta' proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-pożizzjoni proposta tal-UE hi allinjata wkoll mal-politika doganali stabbilita u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija malli tiġi importata, skont il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħha.

Il-pożizzjoni proposta hi meħtieġa biex l-UE tkun tista' tesprimi pożizzjoni fl-HSC li jmiss.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

### **4.1. Prinċipji**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-korp leġiżlattiv tal-Unjoni”*<sup>5</sup>.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WCO, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra bħala gwida għall-interpretazzjoni tas-SA skont il-Konvenzjoni SA hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### **4.2. Applikazzjoni għal dan il-każ**

Il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata u l-Kunsill tad-WCO huma korpi stabbiliti bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija.

L-atti li l-HSC huwa mitlub iħejji atti kostituttivi li jkollhom effetti legali. L-atti previsti, ladarba jiġu approvati mill-Kunsill tad-WCO, kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri: l-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

<sup>5</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Dan għaliex l-Artikolu 34.7.(a)(iii) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni<sup>6</sup> jiddikjara li “*l-awtoritajiet doganali għandhom jirrevokaw id-deċiżjonijiet BTI<sup>7</sup> tagħhom... fejn dawn ma jkunux għadhom kompatibbli mal-interpretazzjoni... b’riżultat ta’... deċiżjonijiet ta’ klassifikazzjoni, opinjonijiet ta’ klassifikazzjoni jew emendi għan-noti ta’ spjegazzjoni tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata ta’ Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija adottati mill-Kumitat tas-SA;*”. Barra minn hekk, tali deċiżjonijiet imħejjija mill-HSC (id-deċiżjonijiet ta’ klassifikazzjoni, l-opinjonijiet ta’ klassifikazzjoni jew l-emendi għan-noti ta’ spjegazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA) jintużaw b’appoġġ għall-klassifikazzjoni prevista fir-Regolamenti ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta’ merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (NM), fin-noti ta’ spjegazzjoni tan-NM u fid-deċiżjonijiet ta’ klassifikazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### **4.3. Bażi ġuridika sostantiva**

#### *4.3.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-obiettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejja fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.3.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Peress li l-obiettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mat-Tariffa Doganali Komuni, l-Artikoli 31, 43(2) u 207(4) tat-TFUE huma l-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta.

### **4.4. Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 31, 43(2) u 207(4) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## **6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Ma hemmx

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>7</sup> Informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi: id-deċiżjonijiet ta’ klassifikazzjoni mogħtija minn qabel mill-amministrazzjonijiet doganali lill-operaturi ekonomiċi, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali dwar il-klassifikazzjoni u t-trattament tariffarju applikabbli għall-merkanzija soġġetta għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-66 sessjoni tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni, emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31, 43(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE<sup>8</sup> l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti, u l-Protokoll li Jemendaha<sup>9</sup> (il-Konvenzjoni SA), li stabbiliet il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (HSC).
- (2) Skont l-Artikolu 7(1) b) u c) tal-Konvenzjoni SA, l-HSC huwa, fost l-oħrajn, responsabbli għat-tħejjija tan-Noti ta' Spjegazzjoni, tal-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, ta' pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata.
- (3) Fis-sessjoni tiegħu ta' Settembru, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata huwa mistenni jiddeċiedi dwar l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata.
- (4) Importanti li jiġi mfakkar li skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-interessi taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-verifika, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija għal skopijiet doganali b'mod ġenerali jrid jitfittex fil-karatteristiċi u fil-proprjetajiet oġġettivi tagħha kif definiti fit-test tal-

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

<sup>9</sup> ĠU L 198, 20.7.1987, p. 3

intestatura rilevanti tan-nomenklatura doganali u fit-taqsima u fin-noti rilevanti dwar il-kapitoli.

- (5) Fid-dawl tal-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni, billi, ladarba jiġu aċċettati, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, ċerti deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni u emendi għan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA jiġu ppubblikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 7 a) iii) tal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, u jsiru applikabbli għall-Istati Membri kollha. Il-pożizzjoni se tiġi espressa fil-Kumitat tas-Sistema Armonizzata.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-66 sessjoni tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali dwar l-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata, hija stabbilita fl-Anness.

#### *Artikolu 2*

Jista' jintlaħaq qbil bejn ir-rappreżentanti tal-Unjoni dwar tibdiliet minuri fil-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*